Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,164, 9 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 64 tal-2019

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2019 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa 2019 għas-Summien)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u t-Tibdil fil-Klima, bi ftehim mas-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar Deroga għal Staġun tal-Kaċċa fir-Rebbiegħa tal-2019 għas-Summien).

Tifsir.

L.S. 549.42

2. Kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, għandu jkollhom l-istess tifsir bħal dak mogħti fir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi".

Jiġi stabbilit l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa.

3. Għall-finijiet tar-raba' proviso tar-regolament 10(6) tar-Regolamenti dwar l-Għasafar Selvaġġi u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-perjodu għall-kaċċa tas-summiena għas-sena 2019, hawn aktar 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti imsejħa "l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa", għandu jkun mill-10 ta' April sat-30 ta' April, 2019, iż-żewġ dati inklużi:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma jibqgħux fis-seħħ u l-ebda attività ta' kaċċa ma tkun permessa jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew b'avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data stabbilita mill-Ministru.

Kaċċa skont qafas speċifikat.

L.S. 549.57.

4. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet tal-qafas stabbilit bir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa.

Liċenzji speċjali u kwoti.

5. (1) Il-Liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tistabbilixxi l-kwota komplessiva għall-istaġun tal-kaċċa fir-

Rebbiegħa ta' 5,000 summiena bħala n-numru totali ta' għasafar li jistgħu jiġu ikkaċċjati taħt l-awtorità tal-liċenzji kollha maħruġa meħudin flimkien.

(2) Il-liċenzja għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa għandha tieqaf milli jkollha effett jekk il-Ministru jordna, b'avviż fil-Gazzetta jew b'avviż ieħor, li l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għandu jieqaf b'mod immedjat jew f'data stabbilita mill-Ministru.